MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 501/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTONOVICH MUSCAT**
**VS**
**ANNA CARTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Anna Carta, ta’ 44 sena, bint Carmelo u Maria nee’ Borg, imwielda Qormi fis-6 ta’ April 1962, residenti ‘Penny D’Or’, Flat 8, Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 275862(M).

Illi hija akkuzata talli f’dawn l-ahhar snin, bejn Jannar u Dicembru 2003, f’dawn il-Gzejjer, fil-kuntest ta’ xiri ta’ propjeta’ sitwata Penny D’Or, Flat 8 , Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar:

a) b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi weriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ iktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

b) u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna/persuni ohra, is-somma ta’ iktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

c) u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

d) u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falz;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

e) u aktar tali, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew

certifikat; kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita';
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

f) u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata ffalsifikata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 187(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

g) u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli (a fol. 128)elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal tat-2 ta'Mejju 2007 fejn l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti (a fol.129);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Dicembru 2009 ;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-imputata datata 18 ta' Marzu 2010 ;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Antonovich Muscat xhed illi huwa kien rcieva rapport minn Financial Intelligence Analysis Unit rigward l-operat tal-kumapijji LCL Locations u Landrocks Company Limited liema kumpanijji "kienu jghinu" lil klijentela taghhom, jiksbu self mill-banek lokali u jidher illi dawn il-kumpanijji kienu jiksbu loans billi jiffalsifikat u jawmentaw il-paga tal-klijenti taghhom sabiex dawn ikunu jistghu jibbenefikaw minn loans akbar milli kienu jiehdu bl-impjieg attwali taghhom. Spettur Muscat illi wahda minn dawn "il-klijenti" kienet l-imputata Anna Carta li wara li giet investigata irallaxat stqarrija AM5. Gew ezebiti DOK AM 1 Fedina Penali, AM2 sa AM4 , l-FSS tal-imputata.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-imputata, Anna Carta u habiba taghha Rita Farrugia thajjru li jixtru post u qabdu s-servizzi ta' *LCL Locations*, u kellmet lil Joe Walker minn din il-kumpanija illi kien ser jiehu jsieb tal-proceduri kollha mal-banek sabiex huma jakwistaw *loan*. Ghal dana kollu huma hallsu LM 400 u LM 910, u inghataw envelope kbir issigillat li Anna Carta kellha tikkonsenja lil HSBC Hal Qormi. Hija ikkonfermat li hadet *loan* ta' LM 25,920 mill-HSBC.

Anna Carta stqarret li Walker kien qallilhom li jekk ikun hemm xi diffikulta il-bank kellu jikkomunika mieghu (ma Walker). (vide stqarrija DOK AM5 , a fol 14 et.seq)

Isabelle Attard Cassar ikkonfermat li Anna Carta kienet inghatat loan facility mill-HSBC ta LM 25,920; li l-imputata iddikjarat li kienet taqla LM 649 fix-xahar, LM283 fix-xahar

mill-full time employment mal-Park Hotel, u li kienet tahdem *Part Time* ma *Bargain Holidays* (dhul ta' LM 366 fix-xahar), u ezebit DOK HSBC l-inkartament tal-*loan facility*.

Ian Borg a fol. 68 Direttur ta'*Bargain Holidays* ikkonferma li Anna Carta qatt ma kienet impjegata mal-kumpanija tieghu.

Philip Bonnici a fol. 75 ezebixxa DOK B1, l-*Employment History* tal-imputata u Rita Farrugia .

Charles Selvagi, ikkonferma li l-imputata tahdem f'*Park Hotel* u ezebixxa il-*payslips* tal-imputata DOK CS1 sa CS 12.

Rita Farrugia a fol. 108 ikkonfermat l-istqarrija tal-imputata Anna Carta; kif fuq *advert* fil-gazzetti irrikorrew ghal-ghajnuna ta' Joe Walker ta' *LCL Locations*, u dan ippreparalhom il-karti li qallilhom li kienu necessarji sabiex huma jiehdu *loan* u dan versu il-prezz ta' LM 400. Rita Farrugia xhedet illi huma inghataw *envelope* minghand Walker li kellhom jikkunsinjawh il-bank. Il-bank accetta il-*loan facility* taghhom u ghandhom ihalsuha sal-gurnata tal-llum.

George Portelli ikkonferma li huwa biegh *flat* lill-imputata Anna Carta , u ikkonferma il-kuntratti a fol 41, 42 u 43. Ma seghax jikkonferma il-firma tieghu fuq l-ahhar faccata cioe a fol. 43. Lanqas ma dehrlu il-prezz tal-flat fuq il-konvenju kien reali.

George Portelli ri prodott a fol. 124 xehed illi l-prezz tal-*flat* bil-kuntratt tal-appalt kollox kien ta LM 23,000 – LM14,000 ghall- appartament u LM 9,000 ghall-appalt.

Nazzareno Busuttil impjegat mal-*HSBC* ikkonferma illi il-loan li hadet l-imputata mal-*HSBC* ghadha vigenti sal-llum u li l-imputata kienet regolari fil-pagamenti taghha u ezebixxa DOK MB.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti emanenti johrog car illi reati centrali li bihom tinstab mixlija l-imputata kienu dawk ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u uzu ta' dokumenti foloz ghal skop ta' *loan facilities* mill-*HSBC Bank* sabiex jixtru il-*flat* indikat.

Jidher anke b'mod lampanti illi din il-falsifikazzjoni twettqet minn Walker , ghan-nom ta' *LCL Locations* "li ha hsieb tal-*paperwork* kollu, " u li l-imputata minkejja illi ma kinietx au current mad-dettalji kollha ta' dan il-qerq, kienet taf illi bil-paga reali taghha hija ma setghatx tircievi *loan* fl-ammont moghti lilha. Ghalhekk din il-Qorti temmen illi l-imputata kienet taf illi sar "arrangament" u li dan l-arragament ma kienx lecitu. Ghaldaqstant il-Qorti tgharaf is-sejbien tal-htija fl-ewwel u l-hames akkuza.

Tajjeb illi jsir accenn ghal fatt illi *HSBC Bank* ma ghamel ebda kwerela lill-Pulizija u ghadu jikkonsidra il-*loan* ta' l-imputata bhala wahda viabbli.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputata, Anna Carta hatja tal-ewwel u l-hames akkuza , mhux hatja tat-tieni, t-tielet u r-raba , is-sitt u seba' akkuza li minnhom tilliberha ,u wara li rat Artikoli 308, 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputata taht Ordni ta' Probation ta' sena taht is-sorveljanza ta' Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-fedina penali nadifa ta' l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, b'mod specjali ghat-trappoli tal-"hard sale tactics" ta' Walker.

In oltre, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------